MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2008

Numru. 325/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Joseph Attard ta’ 33 sena iben John u Mary nee’ Hili, imwieled fit-23 ta’ Dicembru, 1973 u residenti Whire Oaks,
Triq il-Kavallieri, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ numru 1674(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Joseph Attard gie akkuzat talli fix-xhur ta’ qabel, l-14 ta’ Gunju, 2007 bhala *licensee* tar-ristorant ‘Bonitos Restaurant’ li huwa sitwat fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Xlendi naqas li jara li kull parank jew ‘lift’ installat f’post tax-xoghol that il-kontroll

tieghu, cioe' l-fond hawn fuq imsemmi, jigi ezaminat minn persuna kompetenti darba f'kull sitt xhur u jibghat kopja ta' dan ic-certifikat lill-Awtorita' kompetenti u dan ai termini ta' l-artikolu 3 (2)(3) ta' l-avviz legali 47/1964 (Factories Hoists and Lifts Regulations):

Rat l-imputazzjoni;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-eccezzjoni sollevata mill-imputat dwar in-nullita' tal-proceduri stante illi qabel ma hargu l-akkuzi ma ntbghatx l-avviz lill-imputat biex jirrgola ruhu u biex ihallas multa amministrattiva skond kif jipprovdi l-Artikolu 38 (3) tal-kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Mlata;

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-difiza dwar in-nullita' tal-proceduri, il-Qorti tosserva illi mid-dicitura tal-Ligi jidher illi l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol tista' minflok tiehu proceduri kriminali dwar ksur ta' l-Att jew ta' xi regolament taht l-Att kontra persuna, tibghat avviz ghall-pagament ta' penali, liema penali ghandu jithallas lill-Awtorita' fi zmien hmistax (15)-il-gurnata minn meta dik il-persuna tkun irceviet tali avviz. Jekk il-multa jew penali tithallas allura l-Awtorita' ma ghandhiex tiehu proceduri kriminali fil-konfront ta' tali persuna;

Din madanakollu hija multa amministrattiva. M'hijiex piena moghtija minn Qorti ghall-kummissjoni ta' delitt. Kwindi z-zewg proceduri huma indipendenti u distinti minn xulxin. Minn imkien mill-Ligi ma jirrizulta illi qabel l-Awtorita' tiehu proceduri kriminali hija bilfors ghandha tibghat l-avviz lill-persuna li tkun naqset milli tosserva l-Ligi ghall-hlas tal-penali. Il-wahda ma hijiex marbuta mal-ohra. Kwindi l-eccezzjoni sollevata mid-difiza qed tigi michuda;

Illi dwar l-mertu rrizulta ampjament mill-provi illi l-imputat naqas milli ihejji r-rapport fuq il-formola appozita darba kull sitt (6) xhur dwar il-paranki jew lift li ghandu fir-restaurant tieghu. Jidher illi l-ebda ezami ma sar fuq dana l-lift tant illi l-imputat isostni bhala difiza tieghu illi dana ma kienx qed jintuza peress illi r-restaurant kien maghluq ghal refurbishment. Illi kieku kien minnu l-imputat messu avza lill-Awtoritajiet koncernati illi l-paranki jew lift ma kienx funzjonabbli izda dan naqas milli jaghmlu;

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikolu 3 (2) (3) tal-Avviz Legali 47/1964 u l-Artikolu 38 (3) tal-Kapitolu 424, issib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta’ erba’ mija u sebghin ewro (€470).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------